## 30 ta' April, 1965

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E. C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Giuseppa armla minn Giovanni Saydon

*versus*

Salvina armla minn Ignazio Borg ne.

## Kuntratt — Vizji tal-Kunsens — Errore

*L-errore fuq il-modalitajiet tal-kuntratt jistgħu jeskludu il-kunsens, u kwindi jekk wieħed ikollu l-fehma li jistipulah purament u sempliċement, u l-parti l-oħra taħt kondizzjoni, il-kuntratt ma jiġix furmat.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi — wara li ppremetew illi huma iffirmaw li skrittura tal-għoxrin ta' Jannar, 1962, li tinsab esibita maċ-ċitazjoni Nru. 190 tas-sena 1962 fl-ismijiet inversi pendenti quddiem din il-Qorti, għax ġew assikurati li l-konvenuti kellhom iħallsuhom is-somma dovuta għal sehemhom, għal prezz ta' sulfat, kubrit u duħ u għal kera tar-remissa ammontanti għal disa' mija u tmienja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5) u dana immedjatament, u li l-konvenuti naqsu li jħallsuhom din is-somma u b'hekk il-ftehim li sar bejn il-kontendenti hu null, u li huma ma kienux jaslu għal ftehim mal-konvenuti u ma kienux jiffirmaw l-iskrittura fuq imsemmija kieku ma kellhomx l-assikurazzjoni li l-konvenuti sejrin iħallsu d-dejn

tagħhom immedjatament — talbu li — għar-raġunijiet premessi — wara li tiġi mogħtija kull dikjarazjoni necessarja u meħud kull provvediment opportun — jiġi dikjarat u deċis li l-ftehim magħmul b'dik l-iskrittura huwa ineffikaċi u ta' ebda effett legali in konsegwenza ta' l-inadempienza da parti mill-konvenuti ta' l-obbligu tagħhom, bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li l-pretensjoni hija nsostenibbili billi, anke kieku l-allegazzjonijiet tal-attriċi magħmula fiċ-ċitazzjoni kienu veri, legalment ma jistgħu qatt jiġu tratti l-konsegwenzi li jridu l-atturi.

Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti fuq indikata fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar, 1965, li biha l-istanza ġiet respinta, bl-ispejjeż kontra l-atturi — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi d-domanda attriċi hija diretta biex jiġi dikjarat ineffikaċi u ta' ebda effett legali l-ftehim li sar bejn il-kontendenti fil-għoxrin ta' Jannar, 1962, għar-raġunijiet imsemmija qabel fiċ-ċitazzjoni u anke in konsegwenza ta' l-inadempienza da parti tal-konvenuti ta' l-obbligu tagħhom: fil-premessi l-atturi qalu li huma kienu iffirmaw dik l-iskrittura għax kienu ġew assikurati li l-konvenuti kellhom iħallsuhom immedjatament is-somma ta' disa' mija u tmienja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5) għar-raġunijiet hemm indikati u naqsu li jagħmlu dana l-ħlas, u ma kienux jiffirmaw kieku ma kellhomx dik l-assikurazzjoni; waqt it-trattazzjoni ġie spiegat li n-nullita tal-ftehim hi bażata fuq vizzju tal-kunsens ta' l-atturi għaliex dan ġie mogħti in vista tal-assikurazzjoni fis-sens ta' promessa tal-ħlas imsemmi da parti tal-konvenuti li mbagħad ma sarx u li "b'inadempienza tal-konvenuti" għandu jiftihem dana n-nuqqas ta' ħlas. Da parti tagħhom il-konvenuti jgħidu li anke kieku dawna l-fatti kienu veri u l-atturi jħossu li l-konvenuti ppro-

mettewlhom ħlas li ma għamlux allura mhux l-azzjoni presenti tispetta lill-atturi iżda dik li jġiegħel lill-konvenuti jħallsuhom dak li wegħduhom.

Illi l-mod kif hija magħmula d-domanda toffri diffikolta billi jekk wieħed jipprometti ħaġa fi ftehim u mbagħad ma jesegwiehx f'dana l-każ il-konvenuti) il-parti l-oħra (i.e. l-atturi) jekk titħarrek biex tesegwixxi dak li hi stess ipprommettiet (kif sar fil-kawża l-oħra) ma tgħidx li dak il-ftehim huwa null iżda li hija mhix tenuta b'dak il-ftehim (li jkun validu) billi l-parti l-oħra hija stess inadempienti: fil-fatt dina sostanzjalment kienet l-eċċezjoni ta' l-atturi f'dina l-kawża fil-kawża l-oħra fejn huma l-konvenuti. F'dika l-kawża pero huma wara qalu li jridu jimpunjaw dik l-iskrittura invokata kontra tagħhom u allura għamlu l-kawża presenti: din għalhekk trid titqies bħala bażata fuq kunsens viziat għax karpit mill-konvenuti li tawhom x'jifhmu li sejrin iħallsuhom dak li huma stess (l-atturi) kienu jippretendu li għandhom jieħdu, (aktarx nulli, kif sottomess fit-trattazzjoni orali, fuq assikurazzjoni u promessa ta' ħlas) mentri fil-fatt qatt ma kellhom l-idea li jħallsuhom. Meta xehdu pero l-atturi qalu li dina l-promessa tal-konvenuti kellha tinżel fl-iskrittura bħala waħda mill-kondizzjonijiet tal-ftehim stess u li ma tniżżletx għax qegħda fuq l-assikurazzjoni tal-konsulenti legali taż-żewġ partijiet li l-ħlas promess lilhom isir avolja ma' jitniżżel xejn fir-rigward fl-iskrittura (anzi fid-dikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti ċ-ċitazjoni jsemmu li hemm riferenza għal dana l-ħlas fil-patt numru erbgħa ta' l-iskrittura). Taħt dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-kwistjoni tirrigwarda l-veru ftehim li sar dik in-nhar tal-iskrittura, indipendentement minn dak li nkiteb fiha, u verament li kieku l-Qorti kellha tgħaddi biex tesprimi ġudizzju fuq il-provi li nġiebu dan ikun fis-sens jekk verament il-konvenuti kienux ipprometew, kif allegaw l-atturi, li jħallsu lil dawn l-ammonti li dawn jgħidu li pprometewlhom biex jiffirmaw

l-iskrittura jew ma saritx dina l-promessa: u f'kas li tgħid li dina l-promessa ma eżistietx bħala fatt ma tistax tgħid li kien hemm xi vizzju tal-kunsens da parti ta' l-atturi għax karpit mill-konvenuti u jkollha tgħid li hemm ftehim biss skond l-iskrittura, kif tgħid li hemm ftehim f'sens ieħor minn dak miktub jekk jirriżulta l-ftehim allegat mill-atturi; il-kawża kif proposta twassal għall-inkongruwenza li jekk ma jirriżultax il-ftehim kif jgħidu l-atturi allura l-kunsens tagħhom għandu jiġi ritenut karpit u hekk l-istess ma jkunux marbutin bil-ftehim li jirriżulta li sar.

Illi minn dana li ngħad jidher li l-azzjoni odierna ma tistax treġġi billi ebda egħmil ħażin da parti tal-konvenuti ma ġie pruvat biex l-atturi jiffirmaw il-ftehim in kwistjoni (fi kliemhom kienu l-avukati li pperswadewhom jiffirmaw — li dawna pero jispjegaw); kull dritt lil dawna spettanti, fis-sens tal-provi prodotti, hu esperibbili minnhom f'sede u kawża oħra meta tkun qiegħda tiġi diskussa u huma jkunu f'posizzjoni li, anke bil-provi orali (għalkemm kontra l-miktub), juru l-vera portata ta' daka l-ftehim, bħala ftehim validu ntervenut bejnhom u l-atturi.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza u għal laqgħa tat-talba tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li talbu l-konferma ta' l-istess sentenza.

Semgħet bil-ġurament lil Carmelo Saydon.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

B'att ta' ċitazzjoni numru 190 tal-1962 quddiem il-Qorti fuq imsemmija l-konvenuti f'din il-kawża — atturi fl-oħra — talbu l-kundanna tal-atturi — konvenuti fil-kawża l-oħra — biex jersqu għal pubblikazzjoni ta' l-att notarili inkorporanti l-ftehim raġġunt mil-kontendenti skond l-iskrittura fuq riferita in data għoxrin ta' Jannar, 1962.

L-atturi — konvenuti fil-ġudizzju l-ieħor — eċċepew illi t-talba *kienet insostenibbili għaliex il-konvenuti — atturi fl-imsemmi ġudizju* — ma kienux iridu jagħtu esekuzjoni għal ftehim raġġunt skond il-paragrafu 4 ta' l-imsemmija skrittura u anke għaliex bejniethom kien sar ftehim ossija transazzjoni li in forza tagħha kellhom jiġu likwidati l-kawżi esistenti bejniethom u l-konvenuti — atturi fl-imsemmi ġudizzju l-ieħor — ma riedux jesegwixxu parti mill-ftehim.

Skond verbal in data tnejn u għoxrin ta' Novembru, 1962, fil-proċess tal-kawża l-oħra, l-atturi — konvenuti f'dik il-kawża — ddikjaraw permezz tad-difensuri tagħhom li kien bi ħsiebhom jimpunjaw il-ftehim riżultanti mill-imsemmija skrittura.

B'din il-kawża qegħdin appuntu jimpunjaw dak il-ftehim bħala ineffikaċi u ta' ebda effett legali fuq il-motiv, kif irriżulta mill-kompless ta' dak li jingħad fl-att ta' ċitazjoni, *illi huma ma kienux jaslu għal dak il-ftehim u ma kienux* jiffirmaw l-imsemmija skrittura relativa kieku ma kienx sar il-ftehim bejn l-istess kontendenti fis-sens li l-konvenuti jħallsuhom immedjatament, fis-somma ta' disgħa mija u tmienja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5) komplessivament, il-prezz lilhom dovut għal sulfat, kubrit, dugħ u kera ta' remissa, li issa, kif jallegaw, il-konvenuti ma jridux iħallsu għaliex ma jridux jirrikonoxxu dak il-ftehim.

Il-konvenuti eċċepew illi anke kieku l-allegazjoni tal-at-

turi kienet vera ma tista' qatt tiġi minnha rikavata l-konsegwenza illi hija nulla l-imsemmija skrittura; f'dak il-każ, huma jgħidu, iġifieri jekk verament kien hemm l-imsemmi ftehim u l-promessa li s-somma stabbilita tiġi immedjatament imħallsa u huma naqsu jħallsuha, l-atturi għandhom jaġixxu għall-esekuzjoni tal-ftehim u mhux għall-impunjazjoni ta' li skrittura fuq imsemmija.

Il-konvenuti, iżda, dana jgħiduh, kif irriżulta mill-kompless tad-dikjarazjoni tagħhom, għaliex jinnegaw illi l-ftehim tal-ħlas da parti tagħhom ta' l-imsemmija somma ta' disgħa mija u tmienja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5) u tal-ħlas tagħha immedjatament, kienet għall-atturi l-kondizzjoni kostitwenti l-motiv determinanti l-konsens tagħhom għal ftehim inkorporat fl-imsemmija skrittura, billi jinnegaw ukoll l-istess ftehim; iżda jekk tabilħaqq għall-atturi dak il-ftehim dwar is-somma ta' disgħa mija u tmenja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5.) kienet kondizjoni determinanti l-kunsens tagħhom għal ftehim inkorporat fl-imsemmija skrittura allura d-domanda tagħhom treġġi purche naturalment sostnuta mill-provi skond il-liġi, billi hu risaput illi anke l'errore fuq il-modalitajiet tal-kuntratt jista' jeskludi il-kunsens u kwindi jekk wieħed ikollu l-fehma u jistupulah purament u semplicement u l-parti l-oħra taħt kondizjoni l-kuntratt ma jiġix format.

Il-prova li l-ftehim inkorporat fl-iskrittura kien taħt il-kondizjoni tal-ftehim u tal-ħlas immedjat ta' l-imsemmija somma ta' disgħa mija u tmienja u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi (£938.5.5) l-atturi ma rnexxilhomx jagħmluha, il-għaliex, konsidrati l-provi li għar-rigward ġew prodotti, dawna juru li żgur li l-ħlas ta' l-imsemmija somma immedjatament ma setgħax kien il-motiv determinanti l-fte-

him fuq imsemmi u s-sottomissjoni ta' l-iskrittura relativa da parti ta' l-atturi.

Il-provi li ġiebu l-atturi jikkonsistu fix-xhieda ta' Salvatore Saydon, Paolo Saydon, Carmelo Saydon, Carmelo Camilleri, Salvina Borg, Ġorġ Borg, Av. Dott. G. Gatt, Av. Dott. Jos. Vella, Paolo Mizzi, Giuseppe Calleja u Joseph Abela; pero, kif sejjer jiġi muri, fil-waqt li Carmelo, Paolo u Salvatore Saydon allegaw li ffirmaw lis-skrittura taħt il-kondizzjoni li jitħallsu skond il-ftehim l-ieħor pretiż mill-atturi, mix-xhieda ta' Carmelo Camilleri, ta' Salvina Borg, ta' Gorg Borg, ta' Dott. Gatt u ta' Dott. Vella jirriżulta illi dana żgur li ma setax jiġri. Ix-xhieda ta' Mizzi, Calleja u Abela ma għandiex pis kbir fil-materja, għalkemm dak li xhiedu jista' jittieħed in konsiderazzjoni biex iwettaq ċirkostanzi rilevati mix-xhieda l-oħra li ddeponew kontra l-pretensjoni ta' l-atturi u, inveru:

. . . OMISSIS . . .

Tabilħaqq jekk ma ġietx stabbilita s-somma li l-atturi jippretendu li kellha titħallas, dik is-somma ma setgħatx tiġi mħallsa immedjatament u l-atturi ma setgħux ikkondizzjonaw għal ħlas immedjat tagħha l-firma li għamlu fuq l-iskrittura nkorporanti l-ftehim li riedu jwaqqu appuntu għaliex dik il-kondizzjoni kienet il-motiv determinanti l-konsens tagħhom għal dak il-ftehim, kif allegaw fil-petizzjoni u sostnew fit-trattazjoni orali ta' l-appell.

Għal motivi premessi:

Tirrespinġi l-appell u fis-sens fuq imsemmi tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż — salv s'intendi kull dritt ta' l-atturi għal imsemmi ħlas skond il-liġi.